Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,463, 18 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 336 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 dwar l-Għeluq ta' Ċertu Postijiet ta' Divertiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar l-Għeluq ta' Ċertu Postijiet ta' Divertiment.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-19 ta' Awwissu 2020.

Għeluq ta' ċertu posijiet ta' divertiment.

2. (1) Id-diskoteki u n-*nightclubs* kollha għandhom jingħalqu.

(2) Avvenimenti pubbliċi organizzati ta' *parties* fuq id-dgħajjes huma projbiti.

Reati u pieni.

3. Kull persuna li tonqos milli josserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' tliet elef euro (€3,000) għal kull darba mill-okkażjonijiet li jiġu miksura dawn ir-regolamenti.